MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 83

3 ta' Ottubru 2017

Minuti tas-seduta Nru. 83 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar t-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017 fil-5.30pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li għarraf permezz ta' imejl datat 3 ta' Ottubru 2017, li ma setax jattendi minħabba li qed isegwi kors ta' tagħlim. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-raġuni mogħtija kienet ġustifikata.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 82 tat-12 ta' Settembru 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Servizz dwar Ġbir ta' Skart Imħallat (K/6/2/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li s-servizz imsemmi qed jingħata permezz ta' *sub-contracting* kif ġie approvat mill-Kunsill. Huwa għarraf ukoll li ntalbet laqgħa mal-kuntrattur ewlieni – Velljo Services – sabiex jiġi diskuss il-futur ta' dan il-kuntratt. Il-laqgħa ġiet appuntata għat-12 ta' Ottubru 2017.

2.1.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.2.1. Mafkar lis-Sur Jimmy Muscat (M/9)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta (i) tas-seduta preċedenti, sabiex inqrat ittra datata 20 ta' Settembru 2017, mibgħuta mis-Sinjura Stella Muscat fejn tat il-kunsens tal-familja tagħha li jsir bust ta' żewgha fil-viċinanzi tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Hija talbet li jkunu nfurmati bl-iżviluppi li jkun hemm qabel tittieħed deċiżjoni finali.

2.2.3. Waqt id-diskussjoni li żvolġiet, ġew indikati t-tliet postijiet li jinsabu f'żoni pedonali, kif ġej:

(a) Triq il-Madonna tal-Għar fejn hemm id-dħul għall-Uffiċċju Parrokkjali;

(b) Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II mal-ħajt tal-Bitħa tas-Santwarju; u

(c) Triq l-Inkurunazzjoni qrib il-bieb ewlieni tas-Santwarju.

2.2.4. Il-Kunsillier E. Bartolo, qal li l-mafkar mhux neċessarjament għandu jkun bust, iżda jista' isir *bassorilievo* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II mal-ħajt tal-Bitħa tas-Santwarju.

2.2.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li jsir bust, skont il-proposta (a) fil-minuta 2.2.3 aktar 'il fuq. Għaldaqstant, għandu jsir kuntatt mal-*Contracts Manager* sabiex issir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

## 2.3.1. Sewqan perikoluż fi Triq Ta' Taħt l-Irdum (T/3/2/Vol XV)

2.3.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 80 tat-8 ta' Awwissu 2017, meta kienet diskussa talba sabiex isiru *speed humps* fit-triq imsemmija. Il-Kunsill kien iddeċieda li konsistentement mal-*policy* dwar it-teħid ta' dawn il-miżuri, għandu jinġieb il-kunsens tar-residenti l-oħra tat-triq sabiex it-talba tkun tista' tkompli tiġi kkunsidrata. Ġiet ippreżentata petizzjoni datata 26 ta' Settembru 2017, iffirmata minn erbatax-il resident ta' l-istess triq.

2.3.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li t-triq in kwistjoni hija waħda purament residenzjali u għalhekk m'hemmx lok ta' aktar minn *speed hump* waħda. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-materja għandha tiġi mgħoddija lil Transport Malta.

## 2.4.1. Aċċess għal-tagħrif dwar il-lokalità permezz ta' *smart phones* (I/1/3/Vol VI)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed ikun hemm problemi biex wieħed jaċċessa l-*mobile app* tal-Kunsill bis-sistema Apple, peress li l-Kunsill jeħtieġ li jħallas liċenzja li tammonta madwar €84 fis-sena.

2.4.3. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li għalkemm inizjalment l-*application* kienet taħdem tajjeb fuq is-sistema Android, jidher li anke hemm qed ikun hemm id-diffikultajiet.

2.4.4. Il-Kunsill qabel li dawn id-diffikultajiet għandhom jiġu diskussi ma' min ipprovda s-servizz.

## 2.5.1. Laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (A/2/1/Vol II)(T/4/10/Vol II)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta ta' qabel u kkummenta li għalkemm kien beħsiebu jagħmel intervent fil-konferenza tat-30 ta' Settembru 2017 dwar ir-rwol soċjali li għandu jkollhom il-Kunsilli Lokali, ra li dan is-suġġett ġie trattat fil-qosor ħafna. Dan billi kien limitat għall-programm ta' attivitajiet li se issegwi l-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika.

2.5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna dwar it-taħdita li kien hemm waqt l-istess konferenza li ngħatat minn uffiċjal tal-Awtorità tal-Ippjanar, fejn intqal li l-Kunsilli Lokali jistgħu jissottomettu *master plan* dwar l-allokazzjoni ta' spazju għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet quddiem bars u stabbilimenti li jservu l-ikel. Minkejja li diġa nħarġu numru ta' permessi li jinvolvu Misraħ il-Parroċċa u t-toroq ewlenin, huwa xorta waħda jara l-ħtieġa li jsir dan il-pjan.

2.5.4. Il-Kunsill laqa' il-proposta skont il-minuta 2.5.3 aktar 'il fuq.

## 2.6.1. Park tal-Majjistral – Tibdil fil-ħinijiet li matulhom tista' issir il-kaċċa (A/4/10)

2.6.2. Is-Sindku aċċenna għal laqgħa tal-Bord tal-Majjistral li saret fit-28 ta' Settembru 2017, fejn huwa spjega l-fehma tal-Kunsill li ma jsibx oġġezzjoni għall-estensjoni tal-ħinijiet li fihom tista' issir il-kaċċa, sakemm ma jkunx hemm attivitajiet oħra li jinvolvu ġemgħat ta' persuni,

bħalma huma żjajar minn tfal tal-iskola eċċ, waqt il-ħinijiet li matulhom tkun permessa l-kaċċa. Is-Sur J. Buttigieg qal li din l-proposta ma ġietx aċċettata mill-Bord.

2.6.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li kien hemm diversi proposti, fosthom li l-estensjoni sseħħ f'għelieqi mqabbla lil terzi, iżda anke din il-proposta ma' ġietx aċċettata, peress li tqieset bħala deskriminatorja għal min m'għandux artijiet imqabbla f'isimhom. L-għaqdiet ambjentali fuq il-Bord baqgħu jisħqu kontra l-estensjoni tal-ħinijiet.

2.6.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jekk kemm-il darba l-ħinijiet fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi jitħallew l-istess, għallinqas għandu jkun hemm jumejn fil-ġimgħa meta tingħata l-estensjoni.

2.6.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir insistenza fuq il-Bord sabiex jumejn fil-ġimgħa ma jkunx hemm estensjoni tal-ħinijiet u hekk ikunu jistgħu jsiru żjajjar mit-tfal tal-iskola eċċ

## 2.7.1. Kampanja *"Let's Do It Malta"* (T/4/6/Vol III)

2.7.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-tindif li sar mill-volontiera fil-Bajja tal-Mixquqa, fl-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell u l-Palazz ta' Selmun, fix-Xagħra tat-Tunnara u fit-triq rurali bejn il-Mistra u Selmun, fis-16 ta' Settembru 2017. Huwa qal li f'dawn l-attivitaiet ħadu sehem 87 persuna li fil-parti l-kbira kienu barranin. Bejniethom ġabru numru ta' boroz bi skart differenti kif jidher hawn taħt:

| **Tip ta' skart** | **Nru. ta' boroż** |
|---|---|
| Ħġieġ | 27 |
| Fliexken tal-plastik | 89 |
| Bottijiet tal-aluminju | 29 |
| Skart ieħor riċiklabbli | 17 |
| Skart imħallat li ttieħed fil-landfill | 62 |

| **Post** | **Nru. ta' boroż** |
|---|---|
| Fortizza ta' Campbell | 84 |
| Palazz ta' Selmun | 24 |
| Triq rurali bejn il-Mistra u Selmun | 52 |
| Xagħra tat-Tunnara | 23 |
| Bajja tal-Mixquqa | 41 |

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.8.1. Programm ta' attivitajiet kulturali matul l-2018 (A/5/5/Vol VIII)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-għaqdiet dwar is-suġġett t'hawn fuq saret fit-2 ta' Ottubru 2017. Fl-istess laqgħa kien hemm skambju ta' idejat dwar l-attivitajiet ewlenin li jiġu organizzati mill-Kunsill matul is-sena.

2.8.3. Hija pproponiet li fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin jiġu mistiedna delegazzjonijet mit-tliet lokalitajiet ġemellati li jkunu jikkonsistu minn artisti, artiġġjani

flimkien ma' żewġ uffiċjali mill-Kunsilli Lokali rispettivi. Is-Sinjura Brincat Stellini aċċennat ukoll li hemm il-vot 3800 li jista' jiġi wtilizzat għal dan il-għan.

2.8.4. Il-Kunsill laqa' din il-proposta.

2.8.5. Fl-istess laqgħa tħabbru l-attivitajiet li l-Fondazzjoni Valletta 2018 għandha ppjanati li jsiru fil-Mellieħa f'Novembru 2018, bħalma huma l-*Jazz Night* fit-13 ta' Lulju 2018 u l-*Bodies in Urban Spaces* fit-18 ta' Novembru 2018.

2.8.6. Il-Kunsill innota dan l-appuntament.

### 2.9.1. Parteċipazzjoni fil-proġett *eMovie-Lab* (P/10/1/Vol IV)

2.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-proġett imsemmi twettaq f'Casalborgone l-Italja bejn l-10 u 18 ta' Settembru 2017. Iż-żgħażagħ li ħadu sehem, fost affarijiet oħra, ippreżentaw tliet videos ta' promozzjoni dwar il-lokalità.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.10.1. Jum Dinji tat-Tfal (A/5/3/Vol XIII)

2.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 10.1. tas-seduta ta' qabel dwar l-attività msemmija li ser isseħħ fit-18 ta' Novembru 2017 bejn is-2.00 pm u l-4.00 pm fl-Irżieżet ta' Selmun. Hija pproponiet li l-attività tkun tinkludi:

- Kelmtejn mill-Onor. Jose' Herrera, Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima u l-Kummissarju tat-Tfal is-Sinjura Pauline Miceli;
- Logħob tradizzjoni għat-tfal ikkordinat mill-Fondazzjoni ARKEO;
- Rakkont ta' stejjer lit-tfal;
- Taħdita mis-Sur Charles Psaila dwar it-trobbija tan-naħal;
- Ħlib tan-nagħaġ mis-Sur Charles Gauci;
- Tqassim ta' kompost lit-tfal sabiex iħawwlu siġra li tingħata lura lill-Kampanja *Tree For You* sabiex titħawwel f'post addattat; u
- Kampanja ġbir ta' tappijiet tal-plastik, li tinvolvi l-għoti ta' ktieb lil kull min jiġbor tletin wieħed.

2.10.3. Il-Kunsill approva l-proposti kollha mressqa.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 29/09/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 08/09/17 – 30/09/17;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/08/17 – 18/09/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Żjara mill-Amadeus Chamber Choir (S/6/Vol IV

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 18 ta' Settembru 2017, fejn is-Sur Geoff Thomas għarraf li l-kor imsemmi ser ikun residenti fil-Mellieħa bejn is-26 u it-30 ta' Ottubru 2017 u jixtiequ l-

għajnuna tal-Kunsill sabiex itellgħu kunċert f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Qed tintalab l-għajnuna wkoll fil-loġistika sabiex il-korr itellgħa attivitajiet simili f'Għawdex fit-28 u fil-Belt Valletta fid-29 ta' Ottubru.

4.1.3. Billi l-attività ser isseħħ fil-lokalità, il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi għat-trasport meħtieġ sa nefqa li ma taqbiżx l-€200.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 29 ta' Settembru 2017.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-9 u t-30 ta' Settembru 2017.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq permezz tal-*Petty Cash* bejn l-1 ta' Awwissu u t-18 ta' Settembru 2017.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti (8/2017) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex Restawr ta' Ħajt fi Triq il-Marfa u Titjib fit-Taraġ u Passaġġ bejn l-istess triq u Triq Dun Franġisk Sciberras, skont permess mogħti mill-MEPA – PA 2572/15;***

***Billi saret evalwazzjoni taż-żewġ offerti li saru f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa u prezz ikkwotat;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha parzjalment fl-estimi tas-sena finanzjarja 2017, taħt il-kont Nru. 7528;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent L.B.V. Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta."*.**

**(R/2/3)**

7.2. Ġew ippreżentati l-minuti tat-tliet laqgħat tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni, kif ukoll ir-rapport finali, tal-istess Kumitat.

7.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kumitat fir-rapport finali tiegħu tat-2 ta' Ottubru 2017. Għaldaqstant, kien hemm qbil li bħala parti mill-ftehim għandu jkun hemm ittra ndirizzata lill-L.B.V. Ltd, fejn jiġu ndikati l-*items* relatati mal-elettriku li għandhom jiġu mneħħija mill-*bill of quantities*, kif ukoll ir-rata riveduta applikabbli għall-puġġaman tal-ħadid.

7.4. Il-mozzjoni għaddiet wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech. Għaldaqstant, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni ntalab ikompli l-ipproċessar tas-sejħa fl-ePPS.

## 8.1. Sejħiet għall-Istimi 3/2017 u 4/2017 dwar kiri u nstallazzjoni ta' dwal dekorattivi fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier matul il-perjodu tal-Milied 2017 u l-Ewwel tas-Sena 2018 (T/4/15)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-istimi sottomessi kienu kif ġej:

| Sejħa 3/2017 - Triq il-Kbira | |
|---|---|
| **Offerent** | **Prezz mingħajr VAT** |
| Carl Caruana | €1,460 |
| Mica Med Ltd | €1,600 |

| Sejħa 4/2017 - Triq Ġorġ Borg Olivier | |
|---|---|
| **Offerent** | **Prezz mingħajr VAT** |
| Carl Caruana | €2,920 |
| Mica Med Ltd | €3,300 |

8.3. Ġie nnutat li ż-żewġ offerenti offrew l-istess disinji li kienu offrew fi snin preċedenti. Fid-dawl tal-fatt li t-tnejn issottomettaw id-dokumentazzjoni kollha mitluba, filwaqt li kienu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, ġie deċiż li x-xogħol għandu jingħata lis-Sur Carl Caruana fiż-żewġ każi, billi offra l-inqas prezz. Għaldaqstant il-Kumitat ta' Evalwazzjoni ntalab sabiex jikkonkludi l-proċess fl-ePPS.

## 9.1. Konsultazzjoni dwar ir-riforma fil-qasam tal-Kunsilli Lokali
**(M/4/2/Vol II)**

9.2. Saret referenza għal ittra datata 25 ta' Settembru 2017 mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet, fejn il-Kunsill intalab jieħu sehem fil-konsultazzjoni dwar is-suġġett t'hawn fuq.

9.3. Kien hemm diskussjoni dwar aspetti fl-Att Dwar Kunsilli Lokali u l-leġislazzjoni sussidjarja relattiva li jeħtieġu jiġu riveduta. Il-punti li kien hemm dwarhom kienu jinvolvu s-suġġetti segwenti:

| **Artiklu fil-liġi** | **Suġġett** |
|---|---|
| Artiklu 32(1A)(2) Kap 363 | L-*allowance* lill-Kunsillieri għandha tkun ippeggjata mas-salarju ta' Membru Parlamentari, filwaqt li tibqa' marbuta mal-attendenza fis-seduti tal-Kunsill. |
| Artiklu 33(i) | Minkejja li dan l-artiklu jipprovdi li Kunsill Lokali "*jkun ikkonsultat minn kull awtorità li jkollha s-setgħa li tieħu xi deċiżjonijiet li direttament jew indirettament jolqtu l-Kunsill u lir-residenti li jkun responsabbli għalihom*", fil-realtà dan ma jsirx, peress li l-liġijiet illi taħthom joperaw l-istess entitajiet ma jobbligawhomx jagħmlu hekk. Ħafna drabi, rappreżentazzjonijiet li jsiru mill-Kunsilli Lokali jiġu trattata fuq l-istess livell ta' dawk li jsiru miċ-ċittadin normali. |
| Artiklu 33(k) | Meta l-Kunsilli jidħlu fit-tmexxija ta' ċentri tas-saħħa u rijabilitazzjoni, spiżeriji tal-gvern, uffiċċji distrettwali tas-saħħa (bereġ), djar għall-anzjani, ċentri ta' matul il-jum għall-anzjani u ċentri ta' matul il-lejl, dan għandu jsir għab-bażi ta' ftehim approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u finalment mill-Kunsilli Lokali nfushom. Tali tmexxija għandha tkun sostnuta b'allokazzjoni finanzjarja minn sena għal'oħra. |

| | |
|---|---|
| Artikli 33(o), 33(s), u 63A Kap 363 | Teżisti kontradizzjoni bejn l-Artikolu 33(o), 33(s) u 63A billi tal-aħħar jipprovdi li "*kull donazzjoni kemm fi flus kif ukoll mhux bi flus minn xi Kunsill Lokali hi pprojbita*", filwaqt li l-Artiklu 33(o) jipprovdi li *"fil-qafas ta' regolamenti li jsiru mill-Ministru, jagħtu għajnuna lill-artisti, mużiċisti u sportivi mil-lokal tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom"*. L-Artiklu 33(s) jipprovdi l-Kunsilli "*jaħdmu mill-qrib mal-għaqdiet sportivi tal-lokal, jipprovdu faċilitajiet sportivi tajbin u jorganizzaw attivitajiet sportivi li normalment ma jsirux mill-għaqdiet sportivi tal-lokal*".<br><br>Jekk verament l-Artikli 33(o) u 33(s) huma ntiżi sabiex jinkoraġġixxu lill-Kunsilli Lokali jgħinu lill-għaqdiet tal-lokalità b'mod konkret, dan ma jinvolvi ebda mezz ieħor ħlief dak finanzjarju. |
| Artiklu 53 Kap 363 | In-numru ta' ħaddiema li jista' jimpjega Kunsill Lokali m'għandux jibqa' ibbażat fuq it-*threshold* ta' impjegat wieħed għal kull 2,500 resident. Din it-*threshold* ma tirriflettix il-volum ta' xogħol li attwalment għandhom il-Kunsilli Lokali. |
| Artiklu 60 Kap 363 | Proporzjon mid-dħul tal-liċenzi tan-negożju li jitħallsu mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għandhom jiġu mgħoddija lill-Kunsilli Lokali sabiex jiġu nvestiti f'titjib ta' l-istess lokalitajiet li jappartjenu. Tali skema tista' titħaddem fuq l-istess linji li jiġi amministrat il-Fond tal-Ippjanar mill-Awtorità tal-Ippjanar. |
| | L-Allokazzjoni Annwali li jirċievu l-Kunsilli għandha tieħu in konsiderazzjoni esiġenzi partikolari li jkollhom il-lokalitajiet, li mhux neċessarjament ikunu marbuta mar-residenti rreġistati fl-istess lokalità. Bħala eżempji, l-Allokazzjoni Annwali għandha tirrikonoxxi r-residenti ta' vileġġjatura, żoni tal-*boathouses* eċċ, li jirrikjedu servizzi bħal kumplament tal-lokalità |
| Artiklu 73(3) tal-Kap. 363 | Minkejja l-intoduzzjoni tal-LESA sabiex tamministra l-infurzar tal-liġijiet fil-lokalitajiet, il-liġi għandha tesiġi konsultazzjoni diretta konsistenti mal-Kunsilli dwar *deployment* ta' riżorsi bil-għan li jiġu ndirizzati esiġenzi li jinqalgħu minn żmien għal żmien. |
| | **Tibdil ieħor propost** |
| | Bħala persuna eletta, Kunsillier għandu jkun indirizzat b'nomenklatura stabbilita uffiċjalment bħal fil-każ, tas-Sindku (Rispettabbli Sindku) u Deputat Parlamentari (Onorevoli). |
| | Skemi sabiex jinkoraġġixxu l-introduzzjoni ta' mezzi moderni ta' sorveljanza ntiżi sabiex jogħla l-livell ta' sigurtà u dixxiplina fl-użu ta' faċilitajiet li jaqgħu fir-responsabilità tal-Kunsilli Lokali. Importanti li postijiet notorji għal vandaliżmu, bring-in sites, eċċ ikunu sorveljanti permezz tas-CCTV. |
| | Aċċess għal *data* li hija relevanti max-xogħol tal-Kunsilli Lokali, bħalma hija il-*Common Database*, dettalji ta' sidien ta' appartamenti fil-lokalità, qtajja' mhux mibnija eċċ. |

9.4. Il-Kunsill talab li dawn il-punti jiġu komunikati lis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet.

**10.1. *Rally* ta' karozzi klassiċi organizzati mill-*Mdina Grand Prix Foundation* (A/6/3/2/Vol 47)**

10.2. Is-Sindku għarraf li huwa kellu laqgħa mal-organizzaturi tal-Malta Classic Car Rally li huwa ppjanat li jsir f'Dawret il-Mellieħa fil-5 ta' Ottubru 2017, bejn is-1.00pm u t-8.00pm. Kompla jgħid li qed isiru arranġamenti sabiex fi tmiem l-avveniment jingħata riċeviment fuq il-Belvedere tas-Sur, fejn il-vetturi tal-parteċipanti jkunu jistgħu jiġu pparkjati f'Misraħ il-Parroċċa.

10.3. Il-Kunsill approva l-allokazzjoni ta' żewġ Pulizija sabiex jikkontrollaw it-traffiku qrib ir-*roundabouts* ta' Dawret il-Mellieħa, kantuniera ma' Triq il-Marfa u Triq Lewis Wettinger. Billi Triq tal-Prajjet ser tibqa' miftuħa, il-Kunsill qabel li traffiku li jkun ġej fi Triq Lewis Wettinger mid-direzzjoni ta' Selmun fid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa, għandu jiġi mdawwar minn Triq il-Mellieħa, it-triq tal-Wied ta' Rdum u minn Triq tal-Prajjet. Il-Kunsill ikkonċeda wkoll l-eżenzjoni mill-ħlas tal-permess.

**11.1. *Billboard* fit-Telgħa ta' Selmun (T/4/3/Vol II)**

11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li meta l-kontenut tal-*billboard* imsemmi jkun jinkludi l-pubbliċità ta' avvenimenti passati, dan għandu jitneħħa minnufih u jinbidel ma ieħor li jkun jinkludi messaġġ ta' merħba flimkien mat-titlu *"Destination of Excellence"*.

11.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**12.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)**

12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għar-raba konferenza parti mill-proġett imsemmi hawn fuq, li ser isseħħ f'Casalborgone, bejn l-10 u s-17 ta' Ottubru 2017. Il-konferenza titratta t-tema *"Digital Single Market."*. Id-delegazzjoni ser tkun komposta mill-artisti Alexia Micallef, Joseph Bartolo, u Victoria Micallef, flimkien mal-Kunsillieri E. Bartolo u J. Azzopardi, u l-uffiċjal is-Sinjura D. Fenech Gambin.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

12.4. Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li kienet ittieħdet fis-Seduta Nru. 78 tad-19 ta' Lulju 2017 meta l-Kunsill kien iddeċieda li jintroduċi *policy* dwar l-ispejjeż tal-ivjaġġar involuti. Din kienet tipprovdi li 35% tal-ispiża totali jkoprihom il-Kunsill, filwaqt li l-parteċipanti kollha jkopru f'ammonti ugwali il-65% rimanenti. Huwa kompla jgħid din il-*policy* għandha tiġi simplifikata fis-sens illi l-parteċipanti li ma jkunux membri eletti jew uffiċjali tal-Kunsill, iħallsu sa massimu ta' €120, filwaqt il-Kunsill ikopri l-bqija tal-ispiża tal-biljetti tal-ajru.

12.5. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa mis-Sindku fil-minuta 12.4. aktar 'il fuq.

**13.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)**

13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fil-laqgħa tal-Grupp Azzjoni Majjistral li saret fid-29 ta' Settembru 2017, ġie deċiż li għandu jintalab il-permess tal-*Managing Authority* sabiex jamalgamaw l-operat tagħhom mal-Grupp Azzjoni Xlokk, f'dak li jirrigwarda s-sede, kif ukoll riżorsi oħra għal fini ta' *economies of scale*.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Kuntratt li jipprovdi għal tindif ta' toroq urbani (T/4/5/Vol IV)**

14.2. Is-Sindku aċċenna għall-kuntratt li daħal fis-seħħ mill-ewwel ta' Ottubru 2017 u qal li saret laqgħa mal-kuntrattur is-Sur Antoine Fenech, bil-għan li jiġi mfakkar dwar ir-rotot u l-frekwenzi stabbiliti fil-kuntratt li jrid jiġu segwiti, kif stabbiliti fl-istess kuntratt.

14.3. Kien miftiehem li l-iskedi dwar ir-rotot u l-frekwenzi għandhom jiġu mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill.

**15.1. Parteċipazzjoni fil-*Queen's Baton*** **(A/5/3/Vol XV)**

15.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-*Queen's Baton* li saret nhar is-Sibt 23 ta' Settembru 2017 bejn l-4.00pm u l-5.00pm. Huwa aċċenna li f'din l-attività ħadu sehem madwar ħamsin membru tal-Mellieħa Scout Group, flimkien ma' rappreżentanza mill-Mellieħa Athletics Club, Mellieħa Sports Club Football Nursery, Mellieħa Tritons Sports Club, u l-isportiv Mellieħi s-Sur Alex Borg.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**16.1. Titjib fi *playingfields*** **(F/1/28)**

16.2. Is-Sindku rrakkomanda li fl-estimi għas-sena finanzjarja 2018 għandu jiġi mtenni t-titjib fi Ġnien Dun Anton Debono u f'Misraħ tas-Salib bil-għan li jinbidlu l-bandli. Huwa ssuġġerixxa li l-fanali ornamentali li ser jitneħħew minn Misraħ il-Parroċċa jiġu trasferiti għall-Misraħ tas-Salib bil-għan li jinbidlu dawk eżistenti li hemm uħud minn li ddeterjoraw maż-żmien. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li fi Ġnien il-Qigħan hemm spazju biżżejjed biex terġa ssir *see-saw* minflok dik li tneħħiet minħabba li kienet perikoluża.

16.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuta preċedenti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru 2017 fil-6.00 pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**